# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 33**

**Avviz numru 278/01/SM**

**Paul Galea**

**vs**

**Natasha Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 t'April ta-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u tnejn u tmenin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM982.89,0) rappresentanti danni kkagunati minnha f'incident awtomobilistiku tad-19 ta' Awissu tas-sena 2000, fi Triq il-Marfa, Mellieha, Ghadira, bejn il-vettura numru EBB 154 misjuqa minnha u l-vettura nurmu JAO 153 misjuqa minn**

**Christopher Galea u proprjeta' tal-attur Paul Galea, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku da parti taghha;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Dicembru, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni taghha kontestwalment ma' dan l-Avviz ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra taghha ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-incident mertu tal-avviz odjern sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur;**

2. **Illi l-incident mertu ta' dan l-avviz sehh meta l-attur bil-vettura JAO-153 baqa' gej minn wara l-vettura misjuqa mill-konvenuta, meta din kienet qed iddur mar-roundabout. Illi minflok ma' waqaf sabiex dawk il-vetturi li jkunu qed juzaw r-roundabout ikomplu bil-manuvra taghhom, l-attur l-ewwel ta' daqqa' lill-konvenuta fuq il-mudguard ta' wara u wara baqa' diehel ghal go fiha fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura. Illi ghalhekk isewgi li l-eccipjenti ma ghandha thallas ebda danni lill-attur;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluza n-nota ta' referenzi ta' l-attur;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenuta bir-rapprezentant legali ta' l-attur taghzel li ma tipprezenzjax ghall-udjenza rizervata proprju ghal tali trattazzjoni orali;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-2.00 p.m. taz-19 ta' Awissu tas-sena 2000 go Triq il-Marfa, il-Mellieha, Ghadira, quddiem terminus tal-karozzi tal-linja fir-"roundabout" li hemm;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Renault Cleo bin-numru EBB-154 misjuqa mill-konvenuta Schembri u l-ohra tal-marka Seat Ibiza bin-numru JAO-153 misjuqa minn Christopher Galea u proprjeta' tieghu izda f'isem l-attur;**

3. **Illi z-zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa fid-direzzjoni mic-Cirkewwa ghall-Mellieha;**

4. **Illi l-konvenuta ssostni li meta giet hdejn ir-"roundabout" in dizamina waqfet stante li hemm "give way sign" u meta rat li ma kien hemm l-ebda traffiku, xeghelet l-"indicator" u bdiet iddur mar "roundabout";**

5. **Illi waqt li l-konvenuta kienet qed taghmel din il-manuvra semghet "brake" qawwi u l-vettura ta' l-attur misjuqa minn Christopher Galea baqghet diehla fil-vettura tal-konvenuta;**

6. **Illi rizultat ta' din il-kollizjoni l-vettura tal-konvenuta intefghet fuq il-karreggjata ta' barra u tefghahha mar-"roundabout";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-konducent tal-vettura ta' l-attur kien il-kawza ta' l-incident in dizamina stante li**

**ma uzax dik il-prudenza li wiehed ghandu jistenna meta qed javvicina "roundabout" fejn quddiemu gia' hemm vetturi ohra jimmanuvraw l-istess "roundabout" u li kienu gia' qed jindikaw l-intenzjoni taghhom billi jixghelu l-"indicator";**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**